MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 574/2008

**Michael Attard Limited**
**(C-32362)**

**Vs**

**Maria Bezzina (ID-293261-M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta` Lulju, 2008, fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, hames mija, erbgha u tmenin euro u tliet centezmi (Euro1,584.03c), rapprezentanti l-import ta` seba` kambjali skaduti, accettati u ffirmati mill-intimata.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet ulterjuri mid-data ta` kull skadenza sal-hlas effettiv kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ha konjizzjoni tan-nota ta` cessjoni prezentata mis-socjeta` attrici fis-seduta ta` l-10 ta` Ottubru, 2008 li permezz taghha ceda l-atti tal-kawza fuq is-sorte filwaqt li zammet ferm il-Kap ta` l-ispejjez.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz rigwardanti l-Kap ta` l-ispejjez jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikata legalment il-konvenuta naqset u ma deheritx la fis-seduta ta` l-10 ta` Ottubru, 2008, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u filwaqt li jastjeni milli jiehu aktar konjizzjoni tal-kaz in kwantu ghas-sorte in vista tan-nota ta` cessjoni prezentata fil-mori ta` dawn il-proceduri jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-ispejjez kollha ta` din l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------